# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 25 ta' Frar 2025**

**Nru: 2**

**Rikors Nru. 224/2021/1**

## Anthony Vella

**v**

## Carmen Camenzuli u b'digriet tal-21 ta' April 2023 Victoria Magri ġiet ammessa bħala intervenuta fil-kawża *in statu et terminis*

Kopja informali

**Daħla**

1. Anthony Vella u Carmen Camenzuli huma aħwa u għandhom kont bankarju f'isimhom it-tnejn bi ftit 'l fuq minn €6,000 fih. Anthony Vella jrid li l-flus jinqasmu bejnu u bejn oħtu. Carmen Camenzuli tgħid, in effett, li l-flus huma parti mill-ġid li ħalliet Rita Vella, omm il-partijiet, u li għalhekk iridu jinqasmu fil-kuntest tal-qasma tal-wirt ta' Rita Vella. L-intervenuta Victoria Magri ssotni teżi simili, iżda tgħid ukoll li l-kwistjoni tirrigwarda ukoll il-wirt ta' Antonio Vella, ir-raġel ta' Rita u missier il-partijiet.

**Mewt ta' Antonio u Rita Vella**

2. Ir-rikorrent Anthony Vella, il-konvenuta Carmen miżżewġa Camenzuli, u Victoria miżżewġa Magri, li ngħatat il-permess li tintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis*, jiġu

kollha wlied Antonio *sive* Anthony Vella u Rita Vella. Ħuthom l-oħra, Joseph Vella u Francis Vella (illum mejjet) m'humiex partijiet f'din il-kawża.[1]

3. Missier il-kontendenti, Antonio Vella miet fit-2 ta' Frar 2004. L-assi ereditarji tiegħu għaddew skont l-aħħar testment tiegħu, cioè dak *unica charta* ma martu Rita, fl-atti tan-Nutar Anthony Spiteri Debono fit-2 ta' Ġunju 1999.[2] F'dan it-testment huwa ħatar bħala eredi universali u padruni assoluti ta' ġidu f'ishma u porzjonijiet ugwali, lil uliedu kollha u lil ulied Francis Vella, Kevin u David Vella, biex igawdu sehem missierhom. Lil martu, Rita Vella, huwa ħallielha b'titolu ta' legat l-użufrutt tal-assi ereditarji tiegħu kollha kemm mobiljari kif ukoll immobiljari. Apparti dan huwa ħallielha wkoll b'titolu ta' legat, in piena proprjetà, kwart tal-beni kollha tiegħu.

4. Wara l-mewt ta' Antonio Vella, Rita Vella ħassret it-testment *unica charta* li kienet għamlet ma' żewġha, u dana permezz tat-testment tat-22 ta' Diċembru 2005 fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono (illum l-E.T. President tar-Repubblika),[3] fejn ħatret lir-rikorrent, lill-intimata, u lil ħuhom Joseph Vella bħala l-eredi universali tagħha, filwaqt li lit-tfal l-oħra tagħha ħallietilhom il-porzjon riservat. Lir-rikorrent u lill-intimata ħallietilhom ukoll, b'titolu ta' legat, in piena proprjetà, "il-flus, kontijiet bankarji u titoli li jissarrfu fi flus"[4] – u dana b'żewġ testmenti addizzjonali fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono fil-11 ta' Novembru 2009,[5] u fid-9 ta' Ottubru 2010.[6]

**Flus mertu tal-kawża**

5. Il-mertu ta' din il-kawża jikkonċerna flus li kienu depożitati f'bank jew istituzzjoni finanzjarja fir-Renju Unit, li ġew irrilaxxjati lil Rita Vella wara l-mewt ta' Antonio Vella.[7] Bħala ringrazzjament ta' kemm daru biha, Rita Vella ddeċidiet li tagħti dawn il-flus lir-rikorrent u lill-intimata. Skont ma tgħid Carmen Camenzuli, u skont ma jaċċetta Anthony

[1] Ara x-xhieda ta' Carmen Camenzuli f'paġni 16-17.
[2] Ara t-testment *unica charta* ppubblikat min-Nutar Anthony Spiteri Debono fit-2 ta' Ġunju 1999, f'paġna 22.
[3] Ara t-testment tat-22 ta' Diċembru 2005 ippubblikat min-Nutar Myriam Spiteri Debono, f'paġni 33-37.
[4] Hija wettqet ukoll żewġ donazzjonijiet lir-rikorrent, lill-intimata u lil ħuhom, Joseph Vella; waħda fid-19 ta' Ġunju 2006 (pg 38-41) u waħda fil-21 ta' Ġunju 2006 (pg 42-45).
[5] Ara t-testment addizzjonali ppubblikat min-Nutar Myriam Spiteri Debono fil-11 ta' Novembru 2009, f'paġni 26-28.
[6] Ara t-testment addizzjonali ppubblikat min-Nutar Myriam Spiteri Debonofid-9 ta' Ottubru 2010, f'paġni 29-32.
[7] Anthony Vella jgħid li dawn kienu f'isem Rita biss: ara xhieda ta' Anthony Vella, paġna 94D. Victoria Magri jidher li ma taqbilx. Il-qorti m'għandhiex għalfejn pożizzjoni dwar f'isem min kien intestat il-kont, kwistjoni li tista' tkun ta' relevanza fil-kawża dwar il-qasma tal-wirt li ssir referenza għaliha iktar 'l quddiem.



Kopja informali

Vella fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-ftehim li dawn laħqu m'ommhom kien li l-flus kellhom jiġu ddepożitati f'kont bankarju intestat f'isem ir-rikorrent u l-intimata, li kellhom jiġbdu l-flus u jaqsmuhom b'mod ugwali wara mewtha. Ommhom xtaqet li l-flus ma jintmissux qabel mewtha u dana sabiex hija jkollha l-possibilità li tagħmel użu minnhom, jew li jintuża għall-benefiċċju tagħha, f'każ li jkollha bżonn.[8]

6. Fil-31 ta' Ottubru 2012, ir-rikorrent u l-intimata fetħu l-kont bankarju b'numru 058-177098-050 mal-HSBC Bank Malta plc f'isimhom it-tnejn u ddepożitaw fih is-somma ta' €6,217.53 li tathom ommhom. Però, minkejja li Rita Vella ilha li ġiet nieqsa mill-20 ta' Marzu 2013, sal-lum il-kontendenti għadhom ma ġibdux il-flus iddepożitati.

**Kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u t-trasferiment tal-atti**

7. Ir-rikorrent jgħid li huwa prekluż milli jagħmel dan. Dan għaliex għall-iżbank ta' dan id-depożitu, huwa jeħtieġ il-kunsens tal-intimata, li m'hijiex qiegħda tikkoopera minħabba raġunijiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-meritu tal-kawża. B'konsegwenza, huwa jgħid li kien kostrett jiftaħ din il-kawża.

8. Il-kawża nfetħet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-12 ta' Awwissu 2021, sabiex jitlob lill-qorti biex tordna l-likwidazzjoni u x-xoljiment ta' dan il-kont bankarju, skont l-artikolu 496 tal-Kap. 16.

9. Fin-nota ta' eċċezzjonijiet tal-intimata, hi spjegat li kienet qiegħda tirrifjuta milli tagħti l-kunsens tagħha biex jiġu żbankati l-flus għaliex kienet għadha ma saritx il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-assi ereditarji miżmuma in komun bejniethom. Hija eċċepiet (*inter alia*) l-inkompetenza *rationae materiae* tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), peress li hija din il-qorti li għandha l-kompetenza li tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' bejn il-kontendenti.

10. Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha dwar din l-eċċezzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset in-natura tal-kawża li kellha quddiemha. Fil-fehma ta' dik il-qorti, il-kontendenti kienu qed jitolbu d-diviżjoni u l-assenjazzjoni ta' assi ereditarji, b'mod partikolari tal-legat li ħallietilhom ommhom Rita Vella fit-testment addizzjoni tad-9 ta' Ottubru 2010, konsistenti fi flus, kontijiet bankarji u titoli li jissarrfu fi flus. Peress li skont l-artikolu 32(2)

[8] Ara x-xhieda ta' Carmen Camenzuli f'paġni 151 - 155.



Kopja informali

tal-Kap. 12 hija din il-qorti li taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili, inkluż dawk ta' diviżjoni u assenjazzjoni ta' assi ereditarji, fid-deċiżjoni tagħha tal-10 ta' Ġunju 2022, hija ddikjarat ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża. Konsegwentement u, bi tħaddim tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat li l-atti tal-kawża jiġu trasferiti lil din il-qorti.

**Intervent *in statu et terminis***

11. Oħt il-kontendenti, Victoria Magri, talbet sabiex tingħata l-awtorizzazzjoni li tintervjeni *in statu et terminis*,[9] liema talba ntlaqgħet fil-21 ta' April 2023.[10] Hija tgħid li l-flus in kwistjoni kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Antonio u Rita Vella, u li ommha pprovat tiddisponi ukoll mill-assi ta' Antonio Vella, b'detriment tal-eredi tiegħu. Hija ssostni li ommha kellha taċċerta li mill-assi ereditarji disponibbli mal-ftuħ tas-suċċessjoni, jkun hemm biżżejjed biex jiġi sodisfatt il-porzjon riservat dovut lilha u lil ħutha l-oħra. Għal din ir-raġuni hija fetħet kawża quddiem din il-qorti, presjeduta mill-Onor Imħallef A Demicoli (Rik Gur Numru 309/22 AJD), fejn talbet li jiġu likwidati u diviżi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ta' Antonio u Rita Vella, l-eredità ta' Antonio Vella (mil-liem hija jmissha sehem) u s-sehem riservat dovut lilha mill-eredità ta' ommha, Rita Vella.

12. B'riferenza għal dan, is-sinjura Magri talbet lil din il-qorti biex tiddeċiedi fl-ewwel lok jekk l-assi in kwistjoni kienux jappertjenu unikament lil Rita Vella, jew jekk kienux parti mis-sehem dovut lil Antonio Vella bħala s-sehem tiegħu mill-komunjoni tal-akkwisti. F'każ li jiġi deċiż li dawn kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn Rita Vella u Antonio Vella, is-sinjura Magri talbet lill-qorti biex tittrasferixxi l-atti ta' din il-proċedura biex jinstemgħu flimkien mal-kawża ta' diviżjoni b'numru 309/22 AJD, jew inkella biex twaqqaf din il-kawża sakemm jiġu ddeterminati dawk il-proċeduri.

**Jekk il-flus jifformawx parti mill-assi ereditarji ta' Rita Vella**

13. Ir-rikorrent jgħid li l-flus iddepożitati fil-kont bankarju mertu tal-kawża ma jifformawx parti mill-assi ereditarji ta' Rita Vella. Dana b'mod speċjali għaliex, skont it-testment ta' Rita Vella fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono tat-22 ta' Diċembru 2005, il-partijiet

[9] Ara r-rikors ta' Victoria Magri f'paġni 92a-92b.
[10] Ara l-verbal tal-qorti tal-21 ta' April 2023, f'paġna 98.



Kopja informali

oriġinali kienu ġew eżentati mill-obbligu ta' kollazzjoni. Huwa jallega li kien hemm biżżejjed assi disponibbli fost l-assi ereditarji ta' Rita Vella biex jiġi sodisfatt il-ħlas tal-porzjonijiet riservati li jmisshom ħutu l-oħra, mingħajr il-ħtieġa li jiġu komputati dawn il-flus.

14. Min-naħa l-oħra, l-intimata u l-intervenuta fil-kawża jeċċepixxu li d-diviżjoni tal-flus miżmuma in komun għandha ssir fil-kuntest tad-diviżjoni tal-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom. Is-sinjura Magri żżid li hija dovuta sehem minn dawn l-assi bħala ko-eredi ta' Antonio Vella, u l-porzjon riservat tal-wirt ta' Rita Vella.

15. Fil-każ ta' Carmen Camenzuli, l-argument donnu hu li għaliex il-flus kellhom jinqasmu wara l-mewt ta' Rita Vella, allura għandhom jitqiesu bħala parti mill-legat tal-flus, kontijiet bankarji u titolu li jissarfu fi flus fit-testmenti li ssemmew f'para 4. L-argument ta' Victoria Magri hu li għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fir-raġunament li wassalha biex tilqa' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tagħha, sabet li l-kont bankarju in kwistjoni "huwa mħolli lill-kontendenti tramite legat testamentarju istitwit minn ommhom Rita Vella", din il-qorti hi marbuta b'dak is-sejbien.[11]

16. L-intervenuta tgħid li għalkemm id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hi intestata 'digriet', għandha titqies bħala sentenza. Dan għaliex ġiet deċiża eċċezzjoni formali, u dan bilfors ifisser li d-deċiżjoni hi sentenza u mhux digriet. Il-qorti ma taqbilx. Skont il-ġurisprudenza, sentenza definittiva hija pronunzjament tal-qorti li '*terminat negotium de quo agitur'* (tittermina l-materja in kwistjoni) mentri digriet (ta' natura interlokutorju) huwa dak li '*non terminat negotium principale sed aliam post se expectat sententiam*' (ma titterminax il-materja prinċipali u tistenna deċiżjoni oħra warajha).[12] F'dan il-każ ma jistax jingħad li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) – fejn ittrasferiet l-atti tal-kawża lil din il-qorti wara li ddikjarat ruħha inkompetenti *rationae materiae* – hija deċiżjoni li tterminat materja prinċipali, anki jekk esprimiet ruħha dwar il-mertu. Huwa għalhekk li din id-deċiżjoni kienet sewwa msejjħa digriet u mhux sentenza, bil-konsegwenza li dak li ntqal mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) m'għandux iservu bħala bażi għad-deċiżjoni finali fuq il-materja prinċipali, wisq anqas li jorbot lil din il-qorti. Li kieku kien hekk, id-deċiżjoni

[11] Trattazzjoni tal-avukat Gianfranco Gauci, paġni 202 - 204
[12] *Tabib Joseph Grech vs Mary Grech*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 20 ta' April 1989.



Kopja informali

sostantiva li trid tieħu din il-qorti tkun ħaditha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li, fl-istess nifs, stqarret li mhix hi l-qorti li tista' tieħu dik id-deċiżjoni.

17. Għal din ir-raġuni, din il-qorti mhix marbuta li taqbel mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li "l-kont bankarju li tiegħu qed tintalab id-diviżjoni huwa mħolli lill-kontendenti tramite legat testamentarju istitwit minn ommhom Rita Vella fit-testment addizzjonali tagħha tad-09 ta' Ottubru 2010." Fi kwalunkwe każ però, anke jekk għall-grazzja tal-argument, wieħed kellu iqis id-deċiżjoni tagħha bħala sentenza, hija biss il-parti deċiżiva tas-sentenza li torbot, u mhux ir-raġunament tal-qorti.

18. Jekk induru għall-mertu, il-qorti, bir-rispett dovut, ma taqbilx li l-kont bankarju ġie mħolli lill-kontendenti. Dan għaliex id-dejn tal-bank favuriha u favur Anthony Vella ma kienx jifforma parti mill-assi ta' Rita Vella meta mietet. Kellhom jew ma kellhomx jgħaddu,[13] il-flus għaddew qabel il-mewt u għalhekk Anthony Vella u Carmen Camenzuli kellhom titolu fuqhom minn dak il-mument; titolu li għaddewh lill-bank kontra wegħda ta' ħlas lura (għaliex kont bankarju dak li hu). Il-kondizzjoni li tidher li kienet miftehma bejn Rita Vella, Anthony Vella u Carmen Camenzuli li l-kreditu ma kellux jinqasam qabel il-mewt ta' Rita Vella ma biddel xejn minn dan. Baqa', sal-mewt tagħha, fil-patrimonju ta' Anthony Vella u ta' Carmen Camenzuli u, għalhekk, ma setax jifforma parti mill-assi ereditarji la ta' Rita Vella, u lanqas ta' Antonio Vella.

**It-talbiet tal-intervenuta in kawża**

19. Peress li dawn l-assi ma jiffurmawx parti mill-assi ereditarji ta' Rita Vella jew parti mil-komunjoni ma żewġha, il-qorti mhux ser tkun qiegħda tilqa' t-talba tal-intervenuta biex titwaqqaf il-kawża jew biex tiġi trasferita biex tkompli tinstema' mal-kawża 309/22.[14] Dwar it-tieni talba tagħha, il-qorti tqis li din hi kwistjoni li taqa' fil-parametri tal-imsemmija kawża; u li għandha tibqa' impreġudikata.

[13] Fit-trattazzjoni tiegħu (paġni 202 – 204), l-avukat Gauci semma li Rita Vella għamlet varji donazzjonijiet u anki 'griefex' biex teskludi lill-klijenta tiegħu u lit-tfal ta' wieħed mill-aħwa li miet. Sostna ukoll li, fir-rigward tal-flus in kwistjoni f'din il-kawża ma ġewx trasferiti fil-kont ta' Anthony Vella u Carmen Camenzuli, biex il-fatt jibqa'' mistur. Jekk dan hu minnu, anki parzjalment, dan ikollu effett fuq it-talbiet tal-klijenta tiegħu fil-kawża 309/22; iżda għall-finijiet preżenti dan kollu hu rrelevanti.

[14] Il-qorti qiegħda tiddetermina biss li meta l-fondi għaddew għand Anthony Vella u Carmen Camenzuli, saru assi tagħhom; *ergo* mhux assi li kienu (għadhom) ta' Rita Vella, u wisq anqas parti mill-assi tal-komunjoni. Il-kwistjonijiet tan-natura tal-mogħdija tal-fondi u tal-effett tagħha fuq il-qasma tal-ereditajiet ta' Rita Vella u Antonio Vella jridu jiġi determinati fil-kawża 309/22.



Kopja informali

**Deċiżjoni**

20. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda:

a. tiċħad it-tielet talbiet tas-sinjura Magri u tieqaf milli tqis it-tieni talba;

b. tilqa' t-talba tar-rikorrent, u tordna l-likwidazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-kont bankarju msemmi.

L-ispejjeż jitħallsu mill-intimata, ħlief għall-ispejjeż tal-intervenuta fil-kawża, li tħallashom is-sinjura Magri.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

Kopja informali